2024/2215

9.9.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2215

tas-6 ta' Settembru 2024

li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (UE) 2024/573 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi għall-ħruġ ta' ċertifikati lil persuni fiżiċi u ġuridiċi u l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku ta' tali ċertifikati, fir-rigward ta' tagħmir stazzjonarju ta' refriġerazzjoni, arja kundizzjonata u pompi tas-sħana, ċikli Rankine organiċi u unitajiet ta' refriġerazzjoni ta' trakkijiet refriġerati, trejlers refriġerati, vetturi light-duty, kontejners intermodali u vaguni tal-ferrovija li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew l-alternattivi tagħhom, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2067

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/573 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Frar 2024 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(8) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2024/573 jinkludi obbligi dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi biex iwettqu ċerti attivitajiet li jinvolvi gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew alternattivi rilevanti għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra inklużi refriġeranti naturali.

(2) Ir-Regolament (UE) 2024/573 jinkludi wkoll obbligi addizzjonali fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni ta' persuni ġuridiċi għal attivitajiet li jikkonċernaw unitajiet ta' refriġerazzjoni ta' trakkijiet refriġerati u trejlers refriġerati, u fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi għal attivitajiet li jikkonċernaw unitajiet ta' refriġerazzjoni ta' vetturi light-duty refriġerati, kontejners intermodali u vaguni ferrovjarji kif ukoll ċikli Rankine organiċi.

(3) L-obbligi ta' ċertifikazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2024/573 ikopru lista estiża ta' sustanzi li jinsabu fit-tagħmir rilevanti, inklużi alternattivi għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra. Ir-rekwiżiti għall-kontenut tal-programmi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jiżguraw l-immaniġġjar sikur ta' tagħmir li fih gassijiet fjammabbli jew tossiċi jew li jopera taħt pressjoni għolja.

(4) It-titjib tal-kwalità tal-installazzjoni, il-manutenzjoni jew is-servizzjar tat-tagħmir huwa essenzjali għall-ottimizzazzjoni u ż-żamma tal-effiċjenza enerġetika tiegħu, li huwa objettiv ieħor tal-obbligi taċ-ċertifikazzjoni.

(5) Huwa għalhekk meħtieġ, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2024/573, li jiġu aġġornati r-rekwiżiti minimi għaċ-ċertifikazzjoni ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet, it-tagħmir kopert kif ukoll il-ħiliet u l-għarfien li għandhom jiġu koperti u li jiġu speċifikati r-regoli għaċ-ċertifikazzjoni u l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati.

(6) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2067 ([2]) jitħassar.

([1]) ĠU L, 2024/573, 20.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/573/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2067 tas-17 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi u l-kundizzjonijiet għall-għarfien reċiproku għaċ-ċertifikazzjoni ta' persuni fiżiċi f'dak li għandu x'jaqsam ma' tagħmir ta' sistemi stazzjonarji ta' refriġerazzjoni, ta' kondizzjonament tal-arja u ta' pompi tas-sħana, kif ukoll ma' unitajiet ta' refriġerazzjoni ta' trakkijiet u trejlers refriġerati, li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, u għaċ-ċertifikazzjoni ta' kumpaniji f'dak li għandu x'jaqsam ma' tagħmir ta' sistemi stazzjonarji ta' refriġerazzjoni, ta' kondizzjonament tal-arja u ta' pompi tas-sħana, li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra (ĠU L 301, 18.11.2015, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/2067/oj).

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, stabbiliti bl-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) 2024/573,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti minimi għaċ-ċertifikazzjoni ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi li jwettqu l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2, kif ukoll il-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati rilevanti, fir-rigward tat-tagħmir li ġej:

(a) refriġerazzjoni stazzjonarja,

(b) tagħmir stazzjonarju ta' kondizzjonament tal-arja u ta' pompi tas-sħana,

(c) ċikli Rankine organiċi stazzjonarji,

(d) unitajiet ta' refriġerazzjoni ta' trakkijiet refriġerati u trejlers refriġerati,

(e) unitajiet ta' refriġerazzjoni ta' vetturi light-duty refriġerati, kontejners intermodali u vaguni tal-ferrovija.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal persuni fiżiċi li jwettqu l-attivitajiet li ġejjin:

(a) il-kontrolli ta' tnixxijiet tat-tagħmir elenkat fl-Artikolu 1 li fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I u fit-Taqsima 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2024/573;

(b) l-installazzjoni tat-tagħmir elenkat fl-Artikolu 1 li fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I u t-Taqsima 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2024/573 jew is-sustanzi alternattivi ammonijaka (NH_3), id-diossidu tal-karbonju (CO_2) jew l-idrokarburi;

(c) it-tiswija, il-manutenzjoni jew is-servizzjar kif ukoll id-dekummissjonar tat-tagħmir elenkat fl-Artikolu 1 li fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I u t-Taqsima 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2024/573, jew is-sustanzi alternattivi ammonijaka (NH_3), id-diossidu tal-karbonju (CO_2) jew l-idrokarburi;

(d) l-irkupru ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra minn ċirkwiti ta' tkessiħ ta' refriġerazzjoni stazzjonarja, ta' tagħmir tal-arja kundizzjonata, ta' pompi tas-sħana, u ta' unitajiet ta' refriġerazzjoni ta' trakkijiet refriġerati u trejlers refriġerati.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għal persuni ġuridiċi li jwettqu l-installazzjoni, it-tiswija, il-manutenzjoni, is-servizzjar jew id-dekummissjonar għall-partijiet terzi tat-tagħmir elenkat fl-Artikolu 1 li fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I u t-Taqsima 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2024/573 u s-sustanzi alternattivi ammonijaka (NH_3), id-diossidu tal-karbonju (CO_2) jew l-idrokarburi.

3. Dan ir-Regolament ma għandu japplika għal ebda attività ta' manifattura, imwettqa fis-sit tal-manifattur tat-tagħmir imsemmi fl-Artikolu 1.

Artikolu 3

Ċertifikazzjoni għal persuni fiżiċi

1. Il-persuni fiżiċi li jwettqu l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1) għandu jkollhom ċertifikat tat-tip stabbilit fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. L-Istati Membri jistgħu jippermettu l-ħruġ ta' tipi ta' ċertifikati separati jew ċertifikat li jikkombina kwalunkwe tip ta' ċertifikati, filwaqt li jidentifikaw l-attivitajiet li jkopri.

2. Ċertifikati li juru li d-detentur jissodisfa r-rekwiżiti biex iwettaq l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1) huma tat-tipi li ġejjin:

(a) Ċertifikat A1 li juri li d-detenturi jistgħu jwettqu l-attivitajiet kollha previsti fl-Artikolu 2(1) fir-rigward tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u l-idrokarburi;

(b) Ċertifikat A2 li juri li d-detenturi jistgħu jwettqu l-attivitajiet kollha previsti fl-Artikolu 2(1) fir-rigward tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u l-idrokarburi, limitati għal tagħmir b'daqs ta' ċarġ ta' inqas minn tliet kilogrammi jew, fil-każ ta' sistemi ssiġillati b'mod ermetiku u li huma mmarkati bħala tali, li jkun fihom inqas minn sitt kilogrammi;

(c) Ċertifikat B li juri li d-detenturi jistgħu jwettqu l-attivitajiet kollha previsti fl-Artikolu 2(1) fir-rigward tad-diossidu tal-karbonju (CO_2);

(d) Ċertifikat C li juri li d-detenturi jistgħu jwettqu l-attivitajiet kollha previsti fl-Artikolu 2(1) fir-rigward tal-ammonijaka (NH_3);

(e) Ċertifikat D li juri li d-detenturi jistgħu jwettqu l-attività prevista fl-Artikolu 2(1)(d) għat-tagħmir li fih inqas minn tliet kilogrammi ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew, fil-każ ta' sistemi ssiġillati b'mod ermetiku u li huma mmarkati bħala tali, li jkun fihom inqas minn sitt kilogrammi ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra;

(f) Ċertifikat E li juri li d-detenturi jistgħu jwettqu l-attività prevista fl-Artikolu 2(1)(a), bil-kundizzjoni li tali attività ma tinvolvix li wieħed jiżgassa ċ-ċirkwit ta' refriġerazzjoni li fih ikun hemm gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I u t-Taqsima 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2024/573.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal persuni fiżiċi li jwettqu l-attivitajiet li ġejjin:

(a) l-ibbrejżajar, l-issaldjar jew l-iwweldjar ta' partijiet minn sistema jew biċċa minn tagħmir fil-kuntest ta' waħda mill-attivitajiet li għalihom issir referenza fl-Artikolu 2(1), li għandhom il-kwalifika meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex iwettqu tali attivitajiet, bil-kundizzjoni li dawn l-attivitajiet isiru taħt is-superviżjoni ta' persuna li għandha ċertifikat li jkopri l-attività rilevanti u li hija responsabbli b'mod sħiħ għat-twettiq tal-attività b'mod korrett;

(b) l-irkupru ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra minn tagħmir kopert mid-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) b'ċarġ ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra ta' inqas minn 3 kilogrammi u ta' inqas minn 5 tunnellati ta' ekwivalenti għas-CO_2, f'postijiet koperti minn permess skont Artikolu 9(1) u l-Artikolu (2) ta' dik id-Direttiva, bil-kundizzjoni li dawk il-persuni fiżiċi jkunu impjegati tal-kumpanija li jkollha l-permess u li dawn ikunu lestew kors ta' taħriġ dwar il-ħiliet u l-għarfien minimi li jikkorrispondu għaċ-Ċertifikat D kif stipulat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, u li għalih tkun tista' tintwera attestazzjoni ta' kompetenza maħruġa mid-detentur tal-permess.

4. Persuni fiżiċi li jwettqu waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1) ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, bil-kundizzjoni li dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu qed isegwu kors ta' taħriġ bl-għan li jiksbu ċertifikat li jkopri l-attività rilevanti, u

(b) iwettqu l-attività taħt is-superviżjoni ta' persuna li għandha ċertifikat li jkopri l-attività u li hija responsabbli b'mod sħiħ għat-twettiq tal-attività b'mod korrett.

Id-deroga stipulata fl-ewwel subparagrafu għandha tapplika tul il-perjodi li fihom jitwettqu l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1), u li b'kollox ma għandhomx jaqbżu l-24 xahar.

Artikolu 4

Ċertifikazzjoni ta' persuni fiżiċi

1. Korp ta' ċertifikazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 7 għandu joħroġ ċertifikat kif imsemmi fl-Artikolu 3(2) lill-persuni fiżiċi li jkunu għaddew minn eżami tat-teorija u prattiku organizzat minn korp ta' valutazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 8, li jkopri l-ħiliet u l-għarfien minimi stabbiliti fl-Anness I, għaċ-ċerifikat ikkonċernat.

([3]) Id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2012/19/oj).

2. Iċ-ċertifikat għandu jinkludi tal-anqas dan li ġej:

(a) l-isem tal-korp taċ-ċertifikazzjoni, l-isem sħiħ tad-detentur tiegħu, in-numru taċ-ċertifikat u d-data tal-iskadenza, jekk hemm;

(b) it-tip ta' ċertifikat għal persuni fiżiċi kif speċifikat fl-Artikolu 3(2) u l-ispeċifikazzjoni tal-attivitajiet li d-detentur ta' dak it-tip ta' ċertifikat huwa intitolat li jwettaq, kif ukoll l-ispeċifikazzjoni tat-tip ta' tagħmir ikkonċernat;

(c) id-data tal-ħruġ u l-firma tal-emittent.

3. L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-korpi taċ-ċertifikazzjoni jeżentaw lill-applikanti mir-rekwiżit li jgħaddu mill-eżami msemmi fil-paragrafu 1, meta l-applikanti jkunu kisbu kwalifiki, ħiliet u għarfien preċedentement ekwivalenti għal dawk elenkati fl-Anness I jew li jirrikjedu li l-applikanti jgħaddu biss minn eżami supplimentari, meta l-ħiliet u l-għarfien tal-kwalifiki miksuba preċedentement tal-applikant ikunu parzjalment koperti taħt dawk elenkati fl-Anness I.

Artikolu 5

Ċertifikazzjoni ta' persuni ġuridiċi

Il-persuni ġuridiċi msemmija fl-Artikolu 2(2) għandu jkollhom ċertifikat kif imsemmi fl-Artikolu 6.

Artikolu 6

Ċertifikati għal persuni ġuridiċi

1. Korp taċ-ċertifikazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 7 għandu joħroġ ċertifikat lil persuna ġuridika għal waħda jew aktar mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(2), bil-kundizzjoni li l-kumpanija tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) li timpjega persuni fiżiċi li huma ċċertifikati f'konformità mal-Artikolu 3, għall-attivitajiet li jeħtieġu ċertifikazzjoni, f'għadd suffiċjenti li jkopri l-volum mistenni ta' attivitajiet;

(b) li tkun kapaċi turi li l-persuni fiżiċi li jkunu qed iwettqu l-attivitajiet li għalihom hija meħtieġa ċ-ċertifikazzjoni jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-għodod u l-proċeduri meħtieġa.

2. Iċ-ċertifikat għandu jinkludi tal-anqas dan li ġej:

(a) l-isem tal-korp taċ-ċertifikazzjoni, l-isem sħiħ tad-detentur tiegħu, in-numru taċ-ċertifikat u d-data tal-iskadenza, jekk hemm;

(b) l-attivitajiet li d-detentur taċ-ċertifikat huwa intitolat li jwettaq u l-ispeċifikazzjoni tal-limitu tad-daqs taċ-ċarġ, espress f'kilogrammi, tat-tagħmir ikkonċernat, fejn rilevanti;

(c) id-data tal-ħruġ u l-firma tal-emittent.

Artikolu 7

Korp ta' ċertifikazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw fil-liġi nazzjonali jew jaħtru l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti biex jaħtru korp ta' ċertifikazzjoni awtorizzat biex joħroġ ċertifikati lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi involuti f'waħda jew aktar mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.

Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun indipendenti u imparzjali fit-twettiq tal-attivitajiet tiegħu.

2. Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jistabbilixxi u japplika proċeduri għall-ħruġ, għall-waqfien u għall-irtirar taċ-ċertifikati.

3. Il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jżomm rekords li jippermettu l-verifika tal-istatus ta' persuna fiżika jew ġuridika ċċertifikata. Ir-reġistri għandhom juru li l-proċess ta' ċertifikazzjoni twettaq b'mod effettiv. Ir-reġistri għandhom jinżammu għal perjodu minimu ta' ħames snin.

Artikolu 8

Korp ta' evalwazzjoni

1. Korp ta' evalwazzjoni maħtur f'kull Stat Membru għandu jorganizza eżamijiet għall-persuni fiżiċi msemmija fl-Artikolu 2(1). Korp ta' ċertifikazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 7 jista' jikkwalifika wkoll bħala korp ta' evalwazzjoni. Il-korp ta' evalwazzjoni għandu jkun indipendenti u imparzjali fit-twettiq tal-attivitajiet tiegħu.

2. L-eżamijiet għandhom ikunu ppjanati u strutturati b'tali mod li jiġi żgurat li l-ħiliet u l-għarfien minimi stabbiliti fl-Anness I ikunu koperti. Il-korp ta' evalwazzjoni għandu jipprovdi l-post għall-eżamijiet li jiżgura s-sikurezza tal-applikanti meta jwettqu attivitajiet li jinvolvu refriġeranti li huma tossiċi jew fjammabbli jew li qed jaħdmu bi pressjoni għolja.

3. Il-korp ta' evalwazzjoni għandu jadotta proċeduri ta' rappurtar u jżomm rekords sabiex ikun hemm id-dokumentazzjoni dwar l-individwu u dwar ir-riżultati ġenerali tal-evalwazzjoni.

4. Il-korp ta' evalwazzjoni għandu jiżgura li l-eżaminaturi li jkunu ntgħażlu għal xi eżami jkollhom għarfien xieraq tal-metodi u tad-dokumenti relevanti għall-eżami, kif ukoll kompetenza xierqa fil-qasam li se jiġi eżaminat. Huwa għandu jiżgura wkoll li t-tagħmir, l-għodda u l-materjali meħtieġa għall-eżamijiet prattiċi jkunu disponibbli.

Artikolu 9

Kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku

1. Ir-rikonoxximent reċiproku ta' ċertifikati bejn l-Istati Membri għandu japplika biss għal ċertifikati maħruġa f'konformità mal-Artikolu 4 għal persuni fiżiċi u l-Artikolu 6 għal persuni ġuridiċi, għall-attivitajiet speċifikati f'dawn iċ-ċertifikati.

2. L-Istati Membri ma għandhom jimponu ebda evalwazzjoni jew tip ieħor ta' proċeduri ta' valutazzjoni jew rekwiżiti amministrattivi sproporzjonati fuq id-detenturi ta' ċertifikati maħruġa fi Stat Membru ieħor għall-għan biex jiġu rrikonoxxuti dawk iċ-ċertifikati jew biex jippermettu aċċess għall-impjieg lid-detenturi ta' dawk iċ-ċertifikati għall-attivitajiet speċifikati fihom.

3. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li d-detenturi ta' ċertifikati maħruġa fi Stat Membru ieħor jipprovdu traduzzjoni taċ-ċertifikat b'lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni.

Artikolu 10

Ċertifikati eżistenti, korsijiet ta' aġġornament jew proċessi ta' evalwazzjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korsijiet ta' aġġornament ta' taħriġ jew il-proċessi ta' evalwazzjoni kif meħtieġ skont l-Artikolu 10(9) tar-Regolament (UE) 2024/573 jipprovdu prova tal-għarfien u l-ħiliet prattiċi u l-għarfien teoretiku tal-persuni fiżiċi ċċertifikati kif speċifikati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, huma għandhom jiżguraw li:

(a) Id-detenturi taċ-ċertifikati tal-Kategoriji I u II skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2067 jitħallew ikomplu jużaw dawk iċ-ċertifikati biss jekk jaġġornaw l-għarfien u l-ħiliet tagħhom sal-livell tal-għarfien u tal-ħiliet meħtieġa għaċ-Ċertifikati A1 u A2 rispettivament, kif imsemmi fl-Artikolu 3(2), il-punti (a) u (b), ta' dan ir-Regolament u speċifikat fl-Anness I tiegħu.

(b) Id-detenturi taċ-ċertifikati tal-Kategorija III skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2067 jitħallew ikomplu jużaw dawk iċ-ċertifikati biss jekk jaġġornaw l-għarfien u l-ħiliet tagħhom sal-livell tal-għarfien u l-ħiliet meħtieġa għaċ-ċertifikati D, kif imsemmi fl-Artikolu 3(2), il-punt (e), ta' dan ir-Regolament u speċifikat fl-Anness I tiegħu.

(c) Id-detenturi taċ-ċertifikati tal-Kategorija IV skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2067 jitħallew ikomplu jużaw dawk iċ-ċertifikati biss jekk jaġġornaw l-għarfien u l-ħiliet tagħhom sal-livell tal-għarfien u l-ħiliet meħtieġa għaċ-ċertifikati E, kif imsemmi fl-Artikolu 3(2), il-punt (f), ta' dan ir-Regolament u speċifikat fl-Anness I tiegħu.

Artikolu 11

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2067 huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

Artikolu 12

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Ir-rekwiżiti minimi f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħiliet u mal-għarfien li għandhom jiġu koperti mill-korpi ta' evalwazzjoni

(1) L-eżami għal kull Ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 3(2) għandu jinkludi dan li ġej:

(a) test tat-teorija b'mistoqsija waħda jew aktar sabiex jiġu eżaminati l-ħiliet jew l-għarfien partikolari, kif indikat b'T fil-kolonni tal-kategorija. Fir-rigward taċ-Ċertifikati A1 u A2, mill-inqas waħda mill-mistoqsijiet għandha tkun relatata mal-ispeċifiċitajiet tas-CO_2 u tal-ammonijaka u mill-inqas mistoqsija waħda għandha tkun relatata mal-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir; Fir-rigward taċ-Ċertifikati B u C mill-inqas waħda mill-mistoqsijiet għandha tkun relatata mal-ispeċifiċitajiet tal-idrokarburi;

(b) test prattiku fejn l-applikant għandu jwettaq il-kompitu korrispondenti bil-materjal, l-għodod u t-tagħmir rilevanti, kif indikat fil-kolonni tal-Kategorija b'P.

(2) L-eżami għandu jkopri kull wieħed mill-gruppi ta' ħiliet u għarfien speċifikati taħt l-intestaturi 1, 2, 3, 4, 5, 10 u 11 tat-tabella ta' hawn taħt. Barra minn hekk, għaċ-Ċertifikati A1 u A2, għandu jkopri l-grupp ta' ħiliet u għarfien speċifikat taħt l-intestatura 12 ta' dik it-tabella, għaċ-Ċertifikat B il-grupp ta' ħiliet u għarfien speċifikat taħt l-intestatura 13 ta' dik it-tabella u għaċ-Ċertifikat C il-grupp ta' ħiliet u għarfien speċifikat taħt l-intestatura 14 ta' dik it-tabella.

(3) L-eżami għandu jkopri mill-inqas wieħed mill-gruppi ta' ħiliet u għarfien speċifikati taħt l-intestatura 6, 7, 8 jew 9 tat-tabella ta' hawn taħt. Il-kandidat ma għandux ikun jaf qabel l-eżami dwar liema wieħed minn dawn l-erba' komponenti se jiġi eżaminat.

(4) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi ta' ċertifikazzjoni u taħriġ tagħhom ikunu konformi mal-istandards applikabbli.

		Ċertifikat					
ĦILIET U GĦARFIEN		A1	A2	B	C	D	E
1	**Leġiżlazzjoni u termodinamika bażika**						
1.00	Fehim bażiku tal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE u dik nazzjonali, b'mod partikolari l-gass F, il-WEEE u l-Ekodisinn	T	T	T	T	T	T
1.01	Għarfien tal-unitajiet standard ta' kejl bażiċi tal-ISO għat-temperatura, il-pressjoni, il-massa, id-densità u l-enerġija	T	T	T	T	T	T
1.02	Fehim tat-teorija bażika tas-sistemi ta' refriġerazzjoni: termodinamika bażika (terminoloġija prinċipali, parametri u proċessi bħal Superheat, High Side, Sħana ta' Kompressjoni (Heat of Compression), Enthalpy, Effett ta' Refriġerazzjoni (Refrigeration Effect), Low Side, Sottotkessiħ (Sub-cooling)), proprjetajiet u trasformazzjonijiet termodinamiċi ta' refriġeranti inkluża l-identifikazzjoni ta' taħlitiet zeotropiċi u stati fluwidi	T	T	T	T	T	—

1.03	Użu tat-tabelli u tad-dijagrammi rilevanti, u l-interpretazzjoni tagħhom fil-kuntest ta' verifika ta' tnixxija indiretta (inkluża verifika rigward it-tħaddim tajjeb tas-sistema): djagramma log (p),h, tabelli ta' saturazzjoni ta' refriġerant, dijagramma ta' ċiklu singolu ta' refriġerazzjoni bil-kompressjoni	T	T	T	T	—	T
1.04	Deskrizzjoni tal-funzjoni tal-komponenti ewlenin fis-sistema (kumpressur, evaporatur, kundensatur, valvoli ta' espansjoni termostatika) u t-trasformazzjoni termodinamika tar-refriġerant	T	T	T	T	T	—
1.05	Għarfien dwar it-tħaddim bażiku tal-komponenti li ġejjin li jintużaw f'sistema ta' refriġerazzjoni, u r-rwol u l-importanza tagħhom fil-prevenzjoni u fl-identifikazzjoni ta' tnixxija ta' refriġerant: (a) valvoli (valvoli ballun, dijaframmi, valvoli globu, valvoli ta' rilaxx), (b) kontrolli ta' temperatura u pressjoni, (c) gejġijiet tal-ħġieġ għall-ispezzjoni ottika u indikaturi tal-umdità, (d) kontrolli kontra l-iffriżar, (e) protetturi tas-sistema, (f) apparat ta' kejl bħat-termometru manifold, (g) sistemi ta' kontroll taż-żejt, (h) riċevituri, (i) separaturi ta' likwidu u żejt, b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet ta' tħaddim li jinvolvi refriġeranti fjammabbli ħafna jew tossiċi (idrokarburi jew NH_3) u refriġeranti li jaħdmu bi pressjoni għolja (CO_2)	T	T	T	T	—	—
1.06	Għarfien dwar l-imġiba speċifika, il-parametri fiżiċi, is-soluzzjonijiet, is-sistemi, id-devjazzjonijiet tar-refriġeranti alternattivi kollha fiċ-ċiklu ta' refriġerazzjoni u l-komponenti għall-użu tagħhom	T	T	T	T	T	T
1.07	Għarfien dwar il-karatteristiċi tal-idrokarburi, CO_2, u NH_3 u refriġeranti oħra mhux fluworurati b'kuntrast mar-refriġeranti tal-gass F	T	T	T	T	T	T
1.08	Għarfien dwar il-fjammabbiltà, il-propagazzjoni tal-fjamma, ir-restrizzjonijiet tad-daqs taċ-ċarġ, il-limiti tal-okkupanza għall-HFCs, l-H(C)FOs u l-idrokarburi	T	T	T	T	T	T
1.09	Għarfien dwar il-pressjoni tas-CO_2, il-proċess transkritiku u subkritiku, id-dijagramma log (p),h, it-tabelli ta' saturazzjoni tas-CO_2, l-istatus aggregat tas-CO_2 (formazzjoni ta' silġ niexef)	—	—	T	—	—	—
1.10	Għarfien dwar it-tossiċità tal-NH_3, id-differenzi bejn l-espansjoni xotta u s-sistemi mgħarrqa, il-pressjoni negattiva fis-sistemi tal-iffriżar qawwi f'daqqa	—	—	—	T	—	—
2	**L-impatt ambjentali tar-refriġeranti u r-regolamenti ambjentali rilevanti**						
2.01	Għarfien bażiku dwar il-politika tal-UE, kif ukoll dik internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, inkluża l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u l-Protokoll ta' Montreal dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu	T	T	T	T	T	T

2.02	Għarfien bażiku tal-kunċett ta' Potenzjal ta' Tisħin Globali (Global Warming Potential, GWP), l-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u sustanzi oħra bħala refriġeranti, l-impatt tal-emissjonijiet ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra fuq il-klima (ordni ta' kobor tal-GWP tagħhom) u d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2024/573 u tal-atti ta' implimentazzjoni rilevanti u għarfien bażiku ta' theddid possibbli għall-ambjent, inkluż minn prodotti ta' dekompożizzjoni ta' ċerti sustanzi fluworurati (PFAS) bħall-HFCs, l-HFOs u l-HCFOs.	T	T	T	T	T	T
3	**Verifiki qabel l-attivazzjoni tat-tagħmir, wara perjodu twil ta' nuqqas ta' użu, wara intervent ta' manutenzjoni jew tiswija, jew verifiki waqt it-tħaddim**						
3.01	Twettiq ta' test tal-pressjoni biex tiġi vverifikata s-saħħa tas-sistema	P	P	P	P	—	—
3.02	Twettiq ta' test tal-pressjoni sabiex tiġi vverifikata l-impermeabbiltà tas-sistema	P	P	P	P	—	—
3.03	Użu ta' pompa tal-vakwu	P	P	P	P	P	—
3.04	Evakwazzjoni tas-sistema sabiex jitneħħew l-arja u l-umdità skont il-prattika standard	P	P	P	P	—	—
3.05	Mili tad-*data* fir-rekords tat-tagħmir, u mili ta' rapport dwar test wieħed jew aktar, kif ukoll dwar il-verifiki li jkunu twettqu matul l-eżami	T	T	T	T	—	—
4	**Verifiki għal tnixxija**						
4.01	Għarfien dwar il-punti ta' tnixxija potenzjali tat-tagħmir tar-refriġerazzjoni, tal-arja kundizzjonata u tal-pompi tas-sħana	T	T	T	T	—	T
4.02	Verifika tar-rekords dwar it-tagħmir qabel issir verifika għal tnixxija, u l-identifikazzjoni tal-informazzjoni rilevanti dwar kwalunkwe kwistjonijiet jew oqsma problematiċi rikorrenti li għandhom jingħataw attenzjoni speċjali	T	T	T	T	—	T
4.03	Twettiq ta' spezzjoni viżwali u manwali tas-sistema kollha f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1516/2007 ([1])	P	P	P	P	—	P
4.04	Twettiq ta' verifika għat-tnixxija fis-sistema permezz ta' metodu indirett f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1516/2007 u skont il-manwal tal-istruzzjonijiet tas-sistema	P	P	P	P	—	P
4.05	Użu ta' strumenti ta' kejl li jinġarru bħal settijiet ta' manometri, termometri u multimetri għall-kejl fl-unitajiet Volt/Amp/Ohm fil-kuntest ta' metodi indiretti għal verifiki għal tnixxija, u l-interpretazzjoni tal-parametri mkejla	P	P	P	P	—	P
4.06	Twettiq ta' verifika għal tnixxija fis-sistema permezz ta' wieħed mill-metodi diretti msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1516/2007	P	P	—	—	—	—

4.07	Twettiq ta' verifika għal tnixxija fis-sistema permezz ta' wieħed mill-metodi diretti li ma jinvolvux li wieħed jiżgassa ċ-ċirkwit ta' refriġerazzjoni, li ssir referenza għalihom fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1516/2007	P	P	P	P	—	P
4.08	Użu ta' apparat elettroniku xieraq għad-detezzjoni tat-tnixxija	P	P	P	P	—	P
4.09	Mili tad-*data* fir-rekords tat-tagħmir	T	T	T	T	—	T
5	**Maniġġjar ekoloġiku tas-sistema u tar-refriġerant waqt l-installazzjoni, il-manutenzjoni, is-servisjar jew l-irkupru**						
5.01	Tqabbid u skonnettjar ta' gejġijiet u ta' linji bl-inqas emissjonijiet possibbli	P	P	P	P	P	—
5.02	Tbattil u mili ta' ċilindru ta' refriġerant fi stat kemm likwidu kif ukoll ta' fwar	P	P	P	P	P	—
5.03	Użu ta' sett ta' rkupru għall-irkupru tar-refriġerant, u għat-tqabbid u l-iskonnettjar tas-sett ta' rkupru bl-inqas emissjonijiet possibbli	P	P	—	P	P	—
5.04	Tneħħija ta' żejt kontaminat refriġerant barra minn sistema	P	P	—	—	P	—
5.05	Identifikazzjoni tal-istat tar-refriġerant (likwidu, fwar) u tal-kundizzjoni tiegħu (subimkessaħ, saturat jew superimsaħħan) qabel ma jiġi ċċarġjat, sabiex jiġi żgurat li l-iċċarġjar isir b'mod korrett u b'volum xieraq ta' refriġerant. Mili tas-sistema b'refriġerant (kemm fil-fażi likwida u dik ta' fwar) mingħajr telf tar-refriġerant	P	P	P	P	P	—
5.06	Għażla tat-tip korrett ta' skali u l-użu tagħhom għall-kejl tal-piż tar-refriġerant	P	P	P	P	P	—
5.07	Mili tar-rekords dwar it-tagħmir bl-informazzjoni rilevanti kollha dwar ir-refriġerant li jiġi rkuprat jew miżjud	T	T	T	T	T	—
5.08	Għarfien dwar ir-rekwiżiti u l-proċeduri għall-immaniġġar, l-użu mill-ġdid, l-irkupru, il-ħżin u t-trasport ta' refriġerant u żjut fluworurati, inkluż meta jkunu kkontaminati	T	T			T	—
5.09	Għarfien dwar ir-rekwiżiti u l-proċeduri għall-immaniġġar, il-mili, l-irkupru, il-ħżin u t-trasport ta' idrokarburi u żjut, inkluż meta jkunu kkontaminati, u l-installazzjoni ta' tagħmir u sistemi li jiddependu fuq l-idrokarburi	T	T	—	—	T	—
5.10	Għarfien dwar ir-rekwiżiti u l-proċeduri għall-immaniġġar, il-mili, il-ħżin u t-trasport ta' R744 (CO_2), u żjut, inkluż meta jkunu kkontaminati, u l-installazzjoni ta' tagħmir u sistemi li jiddependu fuq R744	—	—	T	—	—	—

5.11	Għarfien dwar ir-rekwiżiti u l-proċeduri għall-immaniġġar, il-mili, l-irkupru, il-ħżin u t-trasport ta' R717 (NH_3) u żjut, inkluż meta jkunu kkontaminati, u l-installazzjoni ta' tagħmir u sistemi li jiddependu fuq R717. Għarfien tal-effetti tar-rilaxx ta' R717 matul l-installazzjoni jew ix-xogħol ta' manutenzjoni, permezz ta' tnixxijiet jew aċċidenti u dwar kif jitnaqqsu dawn l-effetti (pereżempju bl-użu ta' purifikaturi) bi ppjanar xieraq	—	—	—	T	—	—
6	**Komponent: installazzjoni, tħaddim u manutenzjoni ta' kumpressuri reċiprokanti, "screw and scroll", singoli jew b'żewġ stadji**						
6.01	Spjegazzjoni tal-funzjonament bażiku ta' kumpressur (inklużi kontrolli tal-kapaċità u s-sistema ta' lubrikazzjoni) u riskji ta' tnixxija tar-refriġerant jew ta' emissjoni assoċjati mar-refriġerant	T	T	T	T	—	—
6.02	Installazzjoni korretta ta' kumpressur, inkluż tagħmir ta' kontroll u ta' sikurezza, sabiex ma jseħħu l-ebda tnixxija jew emissjonijiet kbar ladarba s-sistema titħaddem	P	P	P	P	—	—
6.03	Aġġustament tas-swiċċijiet ta' sikurezza u ta' kontroll	P	P	P	P	—	—
6.04	Aġġustament tal-valvoli tal-ġbid u tal-ħruġ	P	—	—	P	—	—
6.05	Verifika tas-sistema tar-ritorn taż-żejt	P	P	P	P	—	—
6.06	Startjar u tifi ta' kumpressur, u verifika tal-kundizzjoni tajba ta' tħaddim tal-kumpressur, inkluż billi jsir kejl matul it-tħaddim tal-kumpressur	P	P	P	P	—	—
6.07	Kompilazzjoni ta' rapport dwar il-kundizzjoni tal-kumpressur, li fih jiġu identifikati kwalunkwe problemi fit-tħaddim tal-kumpressur li jistgħu jwasslu għal ħsara fis-sistema u eventwalment għal tnixxija jew ħruġ ta' refriġerant jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni	T	T	T	T	—	—
6.08	Għarfien dwar il-miżuri li jtejbu jew iżommu l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir matul l-installazzjoni jew il-manutenzjoni tal-kompressuri	T	T	T	T	—	—
7	**Komponent: installazzjoni, tħaddim u manutenzjoni ta' kundensaturi mkessħa bl-arja u bl-ilma**						
7.01	Spjegazzjoni tal-funzjonament bażiku ta' kondensatur u r-riskji ta' tnixxija assoċjati miegħu	T	T	T	T	—	—
7.02	Aġġustament tal-kontroll għar-rilaxx tal-pressjoni tal-kundensatur	P	P	P	P	—	—
7.03	Installazzjoni korretta ta' kundensatur/unità esterna, inkluż tagħmir ta' kontroll u ta' sikurezza, sabiex ma jseħħu l-ebda tnixxija jew emissjonijiet kbar ladarba s-sistema titħaddem	P	P	P	P	—	—
7.04	Aġġustament tas-swiċċijiet ta' sikurezza u ta' kontroll	P	P	P	P	—	—
7.05	Verifika tal-linji tar-rilaxx u tal-likwidu	P	P	P	P	—	

7.06	Tneħħija ta' gassijiet li ma jikkundensawx mill-kundensatur permezz ta' apparat għat-tindif ta' sistemi ta' refriġerazzjoni	P	P	P	P	—	—
7.07	Startjar u tifi ta' kunsdensatur, u verifika tal-kundizzjoni tajba ta' tħaddim tal-kundensatur, inkluż billi jsir kejl matul it-tħaddim	P	P	P	P	—	—
7.08	Verifika tal-wiċċ tal-kundensatur	P	P	P	P	—	—
7.09	Kompilazzjoni ta' rapport dwar il-kundizzjoni tal-kundensatur, li fih jiġu identifikati kwalunkwe problemi fit-tħaddim li jistgħu jwasslu għal ħsara fis-sistema u eventwalment għal tnixxija jew ħruġ ta' refriġerant jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni	T	T	T	T	—	—
7.10	Għarfien dwar il-miżuri għat-titjib jew il-manutenzjoni tal-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir matul l-installazzjoni jew il-manutenzjoni tal-kundensaturi	T	T	T	T	—	—
8	**Komponent: installazzjoni, tħaddim u manutenzjoni ta' evaporaturi mkessħa bl-arja u mkessħa bil-likwidu**						
8.01	Spjegazzjoni tal-funzjonament bażiku ta' evaporatur (inkluża s-sistema tat-tneħħija tas-silġ) u r-riskji ta' tnixxija assoċjati miegħu	T	T	T	T	—	—
8.02	Aġġustament tal-kontroll tal-pressjoni tal-evaporazzjoni tal-evaporatur	P	P	P	P	—	—
8.03	Installazzjoni ta' evaporatur inkluż tagħmir ta' kontroll u ta' sikurezza, sabiex ma jseħħu l-ebda tnixxija jew emissjonijiet kbar ladarba s-sistema titħaddem	P	P	P	P	—	—
8.04	Aġġustament tas-swiċċijiet ta' sikurezza u ta' kontroll	P	P	P	P	—	—
8.05	Verifika biex jiġi żgurat li l-linji tal-pajpijiet tal-likwidu u tal-ġbid jinsabu f'pożizzjoni korretta	P	P	P	P	—	—
8.06	Verifika tal-pajpijiet tal-gass sħun kontra l-iffriżar	P	P	P	P	—	—
8.07	Aġġustament tal-valv ta' regolazzjoni tal-pressjoni tal-evaporazzjoni	P	P	P	P	—	—
8.08	Startjar u tifi tal-evaporatur, u verifika tal-kundizzjoni tajba ta' tħaddim tal-evaporatur, inkluż billi jsir kejl matul it-tħaddim	P	P	P	P	—	—
8.09	Verifika tal-wiċċ tal-evaporatur	P	P	P	P	—	—
8.10	Kompilazzjoni ta' rapport dwar il-kundizzjoni tal-evaporatur, li fih jiġu identifikati kwalunkwe problemi fit-tħaddim li jistgħu jwasslu għal ħsara fis-sistema u eventwalment għal tnixxija jew ħruġ ta' refriġerant jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni	T	T	T	T	—	—

8.11	Għarfien dwar il-miżuri għat-titjib jew il-manutenzjoni tal-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir matul l-installazzjoni jew il-manutenzjoni tal-evaporaturi	T	T	T	T	—	—
9	**Komponent: installazzjoni, tħaddim u manutenzjoni ta' Valvoli ta' Espansjoni Termostatiċi (TEV) u komponenti oħra**						
9.01	Spjegazzjoni tal-funzjonament bażiku ta' tipi differenti ta' regolaturi ta' espansjoni (valvoli ta' espansjoni termostatiċi, tubi kapillari), u tar-riskji ta' tnixxija assoċjati miegħu	T	T	T	T	—	—
9.02	Installazzjoni ta' valvoli fil-pożizzjoni korretta	P	P	P	P	—	—
9.03	Aġġustament ta' EV mekkanika/elettronika	P	P	P	P	—	—
9.04	Aġġustament ta' termostati mekkaniċi u elettroniċi	P	P	P	P	—	—
9.05	Aġġustament ta' valv irregolat mill-pressjoni	P	P	P	P	—	—
9.06	Aġġustament tal-limitaturi tal-pressjoni mekkaniċi u elettroniċi	P	P	P	P	—	—
9.07	Verifika tal-funzjonament ta' separatur taż-żejt	P	P	P	P	—	—
9.08	Verifika tal-kundizzjoni tat-tagħmir ta' filtrazzjoni u tnixxif	P	P	P	P	—	—
9.09	Kompilazzjoni ta' rapport dwar il-kundizzjoni ta' dawn il-komponenti, li fih jiġu identifikati kwalunkwe problemi fit-tħaddim li jistgħu jwasslu għal ħsara fis-sistema u eventwalment għal tnixxija jew ħruġ ta' refriġerant jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni	T	T	T	T	—	—
9.10	Għarfien dwar il-miżuri għat-titjib jew il-manutenzjoni tal-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir waqt l-installazzjoni jew il-manutenzjoni tat-TEV u komponenti oħra	T	T	T	T	—	—
10	**Pajpijiet: bini ta' sistema ta' pajpijiet li ma tippermettix tnixxija fl-installazzjoni ta' refriġerazzjoni**						
10.01	Iwweldjar, ibbrejżjar u/jew issaldjar ta' ġonot li ma jippermettux tnixxija fuq tubi, pajpijiet u komponenti tal-metall li jistgħu jintużaw f'sistemi ta' refriġerazzjoni, tal-arja kundizzjonata jew ta' pompi tas-sħana	P	P	P	P	—	—
10.02	Tfassil/verifika tal-partijiet ta' appoġġ tal-pajpijiet u tal-komponenti	P	P	P	P	—	—

11	**Informazzjoni dwar it-teknoloġiji rilevanti għas-sostituzzjoni jew għat-tnaqqis tal-użu tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, u dwar l-immaniġġar sikur tagħhom**						
11.01	Għarfien dwar it-teknoloġiji alternattivi rilevanti għas-sostituzzjoni jew għat-tnaqqis tal-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u tal-immaniġġar sikur tagħhom	T	T	T	T	T	T
11.02	Għarfien dwar id-disinji tas-sistema rilevanti biex jitnaqqas id-daqs taċ-ċarġ tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika	T	T	—	—	—	—
11.03	Għarfien dwar ir-regolamenti u l-istandards rilevanti tas-sikurezza għall-użu, il-ħżin u t-trasport ta' refriġeranti jew refriġeranti fjammabbli jew tossiċi li jeħtieġu pressjoni operattiva ogħla. Fehim tal-kundizzjonijiet speċifiċi għas-sit li taħthom huwa permess l-użu ta' tagħmir li ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/573 minħabba rekwiżiti ta' sikurezza	T	T	T	T	—	—
11.04	Fehim tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi rispettivi, b'mod partikolari fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika, ta' refriġeranti alternattivi skont l-applikazzjoni maħsuba u l-kundizzjonijiet klimatiċi tar-reġjuni differenti	T	T	T	T	—	—
11.05	Għarfien dwar id-differenzi fil-komponenti u d-disinn tas-sistema għat-tagħmir u s-sistemi li jiddependu fuq l-idrokarburi	T	T	—	—	T	—
11.06	Għarfien dwar id-differenzi fil-komponenti u d-disinn tas-sistema għat-tagħmir u s-sistemi li jiddependu fuq R744 (CO_2), bħar-rekwiżiti għall-materjali tal-pajpijiet, il-funzjoni tas-sistemi booster, il-valvoli tal-kontroll bi pressjoni medja u bi pressjoni għolja, l-ottimizzazzjoni tas-sistema u tal-proċess tas-sistemi ta' refriġerazzjoni R744 (CO_2) biex tiżdied l-effiċjenza tas-sistema bħal kompressuri paralleli, teknoloġija ta' espulsur (espulsur tal-likwidu u l-gass) u sistemi mgħarrqa parzjalment, kunċetti ta' sikurezza ta' għarfien sabiex tiġi limitata l-pressjoni ta' waqfien totali u tal-użu ta' sistemi ta' tkessiħ ta' staġnar	—	—	T	—	—	—
11.07	Għarfien dwar id-differenzi fil-komponenti u d-disinn tas-sistema għat-tagħmir u s-sistemi li jiddependu fuq R717 (NH_3), bħal disinji tal-kompressuri, kompressuri b'muturi separati, verifika tal-kapaċità ta' kompressuri reċiprokanti u bil-kamin, ċirkwiti tal-kompressuri, kompressjoni bi stadju wieħed u b'żewġ stadji, Kondensaturi evaporattivi, operazzjoni ta' separatur u kontroll tal-livell, swiċċijiet float, termosifun, differenza fil-ġestjoni taż-żejt (użu ta' żjut mhux imħallta), regolamentazzjoni taż-żejt, għarfien bażiku ta' sistemi diretti (DX, mgħarrqa, operazzjoni ta' ċirkolazzjoni mill-ġdid u LCA) u sistemi indiretti,	—	—	—	T	—	—

12	**Installazzjoni u prattika tajba ta' manutenzjoni għal tagħmir u sistemi li jiddependu fuq l-idrokarburi**						
12.01	Għarfien dwar ir-rekwiżiti tat-tikkettar u r-rekwiżiti speċjali għar-refriġeranti fjammabbli fit-tagħmir, fis-sistemi u fiċ-ċilindri refriġeranti u rekwiżiti speċjali dwar il-konnessjonijiet tal-fliexken	T	T	—	—	—	—
12.02	Għarfien dwar ir-rekwiżiti tas-sikurezza għall-għodod u t-tagħmir tal-manutenzjoni bħad-detezzjoni tal-gass, id-detezzjoni tat-tnixxijiet, il-ventilazzjoni, it-tagħmir ta' sikurezza personali, il-pompi tal-vakwu, l-unitajiet tal-irkupru; rekwiżiti għar-rimi ta' gassijiet irkuprati.	T	T	—	—	—	—
12.03	Kalkolu taċ-ċarġ ta' refriġerant fjammabbli f'sistema skont l-istandards ta' sikurezza applikabbli.	P	P	—	—	—	—
12.04	Twettiq ta' analiżi tar-riskju qabel ma jinbeda x-xogħol u l-eliminazzjoni jew, jekk l-eliminazzjoni ma tkunx possibbli, l-identifikazzjoni tas-sorsi ta' periklu.	P	P	—	—	—	—
12.05	Tħejjija tal-qasam tax-xogħol u l-għażla ta' għodod, tagħmir u tagħmir protettiv xierqa għal xogħol fuq sistemi li jiddependu fuq refriġeranti fjammabbli	P	P	—	—	—	—
12.06	Irkupru ta' refriġeranti fjammabbli b'mod sikur mis-sistema u mili tas-sistema bin-nitroġenu	P	P	—	—	—	—
12.07	Ftuħ tas-sistema, tneħħija u skambju ta' komponent, għeluq tas-sistema	P	P	—	—	—	—
12.08	Twettiq ta' test tal-pressjoni biex tiġi vverifikata l-impermeabbiltà tas-sistema	P	P	—	—	—	—
12.09	Twettiq ta' test bil-vakwu biex titneħħa l-indewwa u tiġi vverifika l-impermeabbiltà tas-sistema	P	P	—	—	—	—
12.10	Ċarġ tas-sistema bil-volum xieraq ta' refriġerant tal-idrokarburi	P	P	—	—	—	—
12.11	Twettiq ta' verifika ta' tnixxija fis-sistema b'metodu dirett	P	P	—	—	—	—
12.12	Kompilazzjoni ta' rapport dwar ix-xogħol ta' manutenzjoni mwettaq	P	P	—	—	—	—
12.13	Verifika li l-miżuri tas-saħħa u s-sikurezza skont ir-regoli applikabbli jkunu fis-seħħ fil-post tas-sistema (eż. sinjali, ħruġ ta' emerġenza, sensuri tal-gass, allarmi tal-gass, eċċ.)	T	T	—	—	—	—
12.14	Għarfien dwar il-miżuri għat-titjib jew il-manutenzjoni tal-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir matul l-installazzjoni jew il-manutenzjoni b'refriġeranti fjammabbli	T	T	—	—	—	—

13	**Installazzjoni u prattika tajba ta' manutenzjoni għal tagħmir u sistemi li jiddependu fuq R744 (CO_2)**						
13.01	Għarfien tar-rekwiżiti għat-tikkettar ta' R744 f'sistemi u f'reċipjenti taħt pressjoni	—	—	T	—	—	—
13.02	Qari u fehim ta' dijagrammi tal-pajpijiet u tal-istrumentazzjoni tas-sistemi ta' refriġerazzjoni b'R744	—	—	T	—	—	—
13.03	Għarfien tar-rekwiżiti speċjali għaċ-ċilindri refriġeranti u valvoli doppji u għall-estrazzjoni tal-gass	—	—	T	—	—	—
13.04	Għarfien dwar ir-rekwiżiti tas-sikurezza għall-għodod u t-tagħmir tal-manutenzjoni bħad-detezzjoni tal-gass, id-detezzjoni ta' tnixxijiet, it-tagħmir ta' sikurezza personali	—	—	T	—	—	—
13.05	Kalkolu taċ-ċarġ ta' R744 f'sistema skont l-istandards tas-sikurezza applikabbli	—	—	T	—	—	—
13.06	Twettiq ta' analiżi tar-riskju qabel ma jinbeda x-xogħol u l-eliminazzjoni jew, jekk l-eliminazzjoni ma tkunx possibbli, l-identifikazzjoni tas-sorsi ta' periklu.	—	—	P	—	—	—
13.07	Tħejjija tal-qasam tax-xogħol u l-għażla ta' għodod, tagħmir u tagħmir protettiv xierqa għax-xogħol fuq sistemi li jiddependu fuq R744	—	—	P	—	—	—
13.08	Twettiq ta' test tal-pressjoni biex tiġi vverifikata r-reżistenza għall-pressjoni u l-impermeabbiltà tas-sistema	—	—	P	—	—	—
13.09	Twettiq ta' test bil-vakwu biex titneħħa l-indewwa u tiġi vverifika l-impermeabbiltà tas-sistema	—	—	P	—	—	—
13.10	It-tneħħija sikura tar-refriġerant R744 mis-sistema	—	—	P	—	—	—
13.11	L-iċċarġjar tas-sistema bil-volum xieraq ta' R744 f'forma ta' gass	—	—	P	—	—	—
13.12	Twettiq ta' verifika ta' tnixxija fis-sistema b'metodu dirett	—	—	P	—	—	—
13.13	Kompilazzjoni ta' rapport dwar ix-xogħol ta' manutenzjoni mwettaq	—	—	P	—	—	—
13.14	Verifika li l-miżuri tas-saħħa u s-sikurezza skont ir-regoli applikabbli jkunu fis-seħħ fil-post tas-sistema (pereżempju sinjali, ħruġ ta' emerġenza, sensuri tal-gass, allarmi tal-gass, eċċ.)	—	—	P	—	—	—
13.15	Għarfien dwar is-sinifikanza tal-pressjoni għolja fil-punt triplu u l-formazzjoni ta' silġ niexef	—	—	T	—	—	—
13.16	Għarfien dwar ir-rekwiżiti tas-sikurezza għat-tħaddim ta' sistema b'refriġerant R744	—	—	T	—	—	—
13.17	Għarfien dwar il-miżuri għat-titjib jew il-manutenzjoni tal-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir matul l-installazzjoni jew il-manutenzjoni b'refriġeranti bi pressjoni oġħla	—	—	T	—	—	—

14	**Installazzjoni u prattika tajba ta' manutenzjoni għal tagħmir u sistemi li jiddependu fuq R717 (NH_3)**						
14.01	Qari u fehim ta' dijagrammi tal-pajpijiet u tal-istrumentazzjoni tas-sistemi ta' refriġerazzjoni b'R717 (NH_3)	—	—	—	T	—	—
14.02	Għarfien dwar ir-rekwiżiti speċjali għaċ-ċilindri refriġeranti u l-estrazzjoni tal-gass	—	—	—	T	—	—
14.03	Għarfien tar-rekwiżiti għat-tikkettar ta' refriġeranti tossiċi f'sistemi u f'reċipjent taħt pressjoni	—	—	—	T	—	—
14.04	Għarfien dwar ir-rekwiżiti tas-sikurezza għall-għodod u t-tagħmir tal-manutenzjoni (stazzjonijiet tal-irkupru, pompi tal-vakwu, detetturi elettroniċi tat-tnixxijiet) inkluż id-detezzjoni tal-gass, id-detezzjoni tat-tnixxijiet, it-tagħmir ta' sikurezza personali speċjalment il-maskri tal-gass	—	—	—	T	—	—
14.05	Għarfien dwar ir-regoli ta' operazzjoni sikura, inklużi prekawzjonijiet kontra nirien u splużjonijiet kif ukoll korrimenti minħabba tossiċità	—	—	—	T	—	—
14.06	Għarfien tal-materjali kompatibbli ma' R717 (NH_3)	—	—	—	T	—	—
14.07	Tħejjija tal-qasam tax-xogħol u għażla ta' għodod, tagħmir u tagħmir protettiv xierqa għax-xogħol fuq sistemi li jiddependu fuq R717 (NH_3)	—	—	—	P	—	—
14.08	Twettiq ta' analiżi tar-riskju qabel ma jinbeda x-xogħol u l-eliminazzjoni jew, jekk l-eliminazzjoni ma tkunx possibbli, l-identifikazzjoni tas-sorsi ta' periklu.	—	—	—	P	—	—
14.09	Għarfien bażiku tal-attivitajiet korretti tal-bini u tal-installazzjoni jew tal-attivitajiet ta' servizzi tas-sistemi	—	—	—	P	—	—
14.10	Twettiq ta' test tal-pressjoni sabiex tiġi vverifikata l-impermeabbiltà tas-sistema	—	—	—	P	—	—
14.11	Twettiq ta' test bil-vakwu biex titneħħa l-indewwa u tiġi vverifikata l-impermeabbiltà tas-sistema	—	—	—	P	—	—
14.12	L-iċċarġjar tas-sistema b'ċarġ iddisinjat ta' refriġerant tossiku	—	—	—	P	—	—
14.13	Twettiq ta' verifika għat-tnixxija tas-sistema bl-użu ta' wieħed mill-metodi diretti	—	—	—	P	—	—
14.14	Irkupru sikur tar-refriġerant tossiku mis-sistema u mili tan-nitroġenu tas-sistema	—	—	—	P		—
14.15	Kompilazzjoni ta' rapport dwar ix-xogħol ta' manutenzjoni mwettaq	—	—	—	P	—	—
14.16	Spezzjoni viżwali tal-impermeabbiltà tal-komponenti tas-sistema bħall-valvoli tas-sikurezza u l-intervall tal-ispezzjoni tagħhom	—	—	—	P	—	—
14.17	Verifika li l-miżuri tas-saħħa u s-sikurezza skont ir-regoli applikabbli jkunu fis-seħħ fil-post tas-sistema (pereżempju sinjali, ħruġ ta' emerġenza, sensuri tal-gass, allarmi tal-gass, eċċ.)	—	—	—	P	—	—

14.18	Kalkolu taċ-ċarġ tar-refriġerant tossiku permess f'sistema skont l-istandards tas-sikurezza applikabbli	—	—	—	T	—	—
14.19	Għarfien dwar il-miżuri għat-titjib jew il-manutenzjoni tal-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir matul l-installazzjoni jew il-manutenzjoni b'refriġeranti tossiċi	—	—	—	T	—	—

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1516/2007 tad-19 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, rekwiżiti standard għall-kontroll ta' tnixxija minn tagħmir stazzjonarju ta' refriġerazzjoni, ikkundizzjonar tal-arja u b'pompa tas-sħana li jkun fihom ċerti gassijiet serra florinati (ĠU L 335, 20.12.2007, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2007/1516/oj).

ANNESS II

Tabella ta' korrelazzjoni

Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2067	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 3	Artikolu 3
Artikolu 4	Artikolu 4
Artikolu 5	Artikolu 5
Artikolu 6	Artikolu 6
Artikolu 7	Artikolu 7
Artikolu 8	Artikolu 8
Artikolu 9	—
Artikolu 10	Artikolu 9
—	Artikolu 10
Artikolu 11	Artikolu 11
Artikolu 12	Artikolu 12
Anness I	Anness I
Anness II	Anness II